MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 2011/1995/1

**Patrick Bezzina u martu Mary Rose, bhala rapprezentanti ta' binhom minuri Rowland Bezzina u b'digriet tal-25 ta' Ottubru 1999, l-atti tal-kawza gew legitimizzati f'isem Rowland Bezzina proprio**

**v.**

**Ministru ta' l-Edukazzjoni u Risorsi Umani, u d-Direttur Generali ghad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, u Anthony Fenech bhala Kap ta' l-Iskola Sekondarja Guze` Galea ta' Hal Qormi, ghal kull interess li jista' ikollhom**

**Il-Qorti:**

# I. PRELIMINARI

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenuti, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 2005. F'din il-kawza, l-atturi, li jigu l-genituri ta' Rowland Bezzina, qeghdin jitolbu rizarciment ta' danni li allegaw li sofra l-istess binhom waqt li huwa kien qieghed jattendi l-iskola sekondarja Guze` Galea f'Hal-Qormi nhar it-18 ta' Frar, 1994. Dakinhar, huwa kien fil-klassi tieghu u safa involut f'incident li minhabba fih tilef id-dawl minn ghajn wahda. B'digriet moghti fl-1 ta' Ottubru 1999 (a fol. 55 tal-process) l-attur Rowland Bezzina gie awtorizzat li jassumi l-atti tal-kawza f'ismu proprju stante li kien sar maggorreni fil-mori tal-kawza.

2. Is-sentenza appellata hija din:
"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-24 ta' Novembru 1995, li *in forza* taghha, wara li ppremettew illi:

"Iben l-atturi Rowland Bezzina jattendi l-iskola Sekondarja Guze` Galea f'Hal Qormi, u, nhar it-18 ta' Frar 1994, ghall-habta ta' nofsinhar, u waqt il-hin tal-lezzjonijiet, l-istess binhom kien involut f'incident fil-klassi tieghu li, *a kawza* tieghu, sofra griehi permanenti u gravi fl-ghajn il-leminija tieghu tali li tilef ghal kollox u b'mod irriversibbli l-vista minnha;

"Ghall-imsemmi incident, Rowland Bezzina ma kien jahti xejn;

"Il-konvenuti huma responsabbli, fi gradi differenti, ghall-harsien ta' l-istudenti affidati f'idejhom jew taht l-awtorita` taghhom, ghall-inkolumita` tal-istess studenti, u ghaz-zamma kif jixraq ta' l-ambjenti skolastici b'mod tali li ma jkun hemm xejn li jista' jesponi lill-istudenti ghal perikolu ta' korriment;

"Il-konvenuti, interpellati anke ufficjalment, naqsu li jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi;

"Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

"1. Tiddikjarahom, jew lil min minnhom, responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghall-konsegwenti danni permanenti u irriversibbli sofferti minn Rowland Bezzina bit-telfien tal-vista tieghu;

"2. Tillikwida, jekk mehtieg, bl-opra ta’ perit minnha mahtur, id-danni hekk likwidati;

"3. Tikkundannahom, jew lil min minnhom, ghall-hlas lill-atturi ta' l-ammont ta’ danni hekk likwidat.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju tat-8 ta’ Lulju, 1994, kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li *in forza* taghha ecepew illi:

"(1) La l-Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani, la d-Direttur Generali ghad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni u lanqas il-Kap ta’ l-iskola Anthony Fenech m’huma l-legittimi kontradditturi f’din il-kawza u ghandhom ilkoll jkunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

"(2) Bla pregudizzju ghas-suespost, id-Direttur Generali ghad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni m’ghandu ebda htija ta’ xi culpa *in eligendo*.

"(3) Bla pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni odjerna hija nulla *stante* l-karenza ta’ kawzali.

"(4) Dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, l-incident *in kwistjoni* ma gara bl-ebda mod minhabba nuqqas ta’ harsien ta’ l-istudenti. Fil-fatt, din kienet klassi normalment kwieta u thalliet fil-kustodja tal-*Captain* ta’ l-iskola, haga li hi normalissima li ssir. Il-kaz kollu gara bi sfortuna.

"(5) Isegwi ghalhekk li t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda. Il-konvenuti ghalhekk m'ghandhom ihallsu ebda spejjez.

"Salv eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Rat is-sentenza moghtija min din il-Qorti fil-15 ta' Mejju 1998, li *in forza* taghha, b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni sollevata, ipprovdiet li tiddeciedi l-eccezzjoni *in disamina* flimkien mas-sentenza finali;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Marzu 2000, li *in forza* tieghu gie mahtur bhala perit legali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti, sabiex bl-assistenza tal-perit mediku Dr. Mario Tabone, jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u sabiex jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

"Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali;

"Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mismugha mill-perit legali;

"Rat ir-rapport ipprezentat mill-perit legali fis-17 ta' Awissu 2004, u minnu mahluf fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru, 2004;

"Rat ir-rapport ipprezentat mill-perit mediku fis-17 ta' Awissu 2004, u minnu mahluf fil-11 ta' Marzu, 2005;

"Rat l-affidavits li tressqu bhala prova mill-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"Illi l-attur Rowland Bezzina matul l-1994 meta kien ghad kellu biss 13-il sena kien student regolari fl-iskola sekondarja Guze` Galea ta' Hal-Qormi. Il-Gimgha 18 ta' Frar, 1994, huwa kien l-iskola bhas-soltu. Qabel il-kollazzjon ta' nofsinhar kellu lezzjoni doppja tas-suggett tat-*"Technical Drawing"* mas-Sur Alex Vella, l-ghalliem tas-suggett imsemmi. Is-Sur Vella hareg mill-klassi qabel ma ghadda l-hin tal-lezzjoni; hu qal lit-tfal li kien sejjer fis-sala ta' l-istess skola biex jaghmel thejjijiet ghall-attivita` tal-*Prize Day*. X'hin telaq hu, il-klassi thalliet wahedha minghajr *supervisor*. It-tfal baqghu fil-klassi sa ma sar il-hin biex johorgu. Meta daqqet il-qanpiena, xi tfal hargu jigru mill-klassi u, bhala cajta, ghalqu u zammew il-bieb maghluq minn barra. Min kien fadal fil-klassi, beda jimbutta l-bieb minn gewwa biex jifthuh. F'hin minnhom, tifel tal-klassi, certu Clint Refalo, resaq lura biex jiehu rankatura biex imur girja ghal-bieb. L-attur Rowland Bezzina inzerta kien fin-nofs, it-tifel l-iehor laqtu u imbutah, u l-attur habat wiccu mal-hadida ta' l-istess bieb u wegga'. It-tifel, eventwalment, ittiehed l-isptar, izda, sfortunatament, huwa tilef ghal kollox ghajnejh tal-lemin. Hu ttiehed anke l-Ingilterra fejn sar sforz biex tigi salvata ghajnejh, imma kien kollox ta' xejn. L-attur, eventwalment, kompla l-iskola, izda meta spicca mit-taghlim, ried jidhol suldat jew pulizija, izda ma giex accettat minhabba s-sitwazzjoni medika tieghu, u *cioe*`, li ma setax jara minn ghajn wahda.

"It-tifel u l-genituri tieghu qed jimputaw ir-responsabilita` fuq l-awtoritajiet governattivi talli dawn naqsu li jipprovdu supervizzjoni jew attenzjoni bizzejjed biex jipprotegu l-inkolumita` tat-tfal.

"Kif jghidu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet li resqu fi stat bikri tal-kawza, il-bazi ta' l-azzjoni taghhom mhux dik ta' htija akwiljana, imma dik tal-htija naxxenti minn inadempiment kontrattwali li l-awtorita` qieghda tigi addossata biha bhala li ma pprevenitx li javvera ruhu l-incident li fih indarab b'mod permanenti l-attur. Fil-ligi hemm differenza netta bejn il-colpa akwiljana u dik kontrattwali, u kif jispjega t-<u>Torrente</u> *"Manuale di Diritto Privato"* (Guiffre' Edit. 9° Ediz.,) f'pagna 649,

*"“La rilevanza pratica della distinzione tra i due tipi di responsabilita` riguarda innanzitutto l’onere della prova: nella responsabilita` contrattuale all’attore e’ sufficiente provare il suo credito e la scadenza dell’obbligazione; e` il debitore che, se vuole giustificarsi, ha l’onere di dimostrare di non aver potuto adempiere per una causa a lui non imputabile (art. 1218). Nella responsabilita` extracontrattuale, invece, e` l’attore che ha l’onere di provare non soltanto che la condotta del convenuto gli ha causato un danno, ma anche che si tratta di un comportamento tenuto con colpa o, peggio, con dolo (a meno che si tratti di un caso di responsabilita` aggravata o per fatto altrui).*

*Un esempio chiarira` la cosa. Se viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e` sufficiente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l’onere di provare non soltanto l’incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti”.*

"Din il-Qorti taqbel u taccetta li f’kaz ta’ skola hemm obbligu kontratwali fuq l-awtoritajiet li jiehdu hsieb it-tfal fdati taht il-kura taghhom *in loco parentis.*

"Ma ghandux ikun hemm dubbju illi l-awtoritajiet edukattivi ghandhom responsabilita` ta’ kura lejn l-istudenti, responsabilita` li tohrog bl-istess mod kif tirrizulta r-responsabilita` tal-genituri lejn uliedhom dment li dawn l-istudenti qeghdin taht ir-responsabilita` diretta ta' l-awtoritajiet edukattivi. Kif qal il-gurista Ros Davis fit-tattat *“The legal liability of schools for injury occuring outside the school grounds”*.

*"“I believe individuals should be personally responsible for their actions. I also believe that there is no such thing as true responsibility without a concurrent legal liability. The one provides the incentive for the other. It is the legal system, and the duties of care that they impose on all members of society, that provide the incentive for safe*

*and responsible conduct. The fact that individuals face these liabilities is not a cause for angst, for through personal responsibility sprouts the freedom for all members of our society to live in safety, free from the risks of personal injury through the deliberate harm and casual carelessness of others.*

*"Schools are legally responsible for the safety of school children in their care. They should be. Our children are the future of our society. They are the most precious and valuable things on the planet. We must care for them 'carefully'. This is not only moral duty, but also a legal obligation.*

*"Common Law impose a general duty of care on all persons to exercise 'reasonable care' to avoid acts or omissions (actions) that might foreseeably result in injury to others likely to be effected by those actions. What is or is not 'reasonable care' varies according to the magnitude of the risk and the gravity of the harm likely to occur, (The Council of the Shire of Wrong-v-Shirt (1979-80) 146 CLR 40, 47-48 per Mason J: See also the calculus adopted by Judge Learned Hand in Conway -v- O'Brian (2nd Cir 1940) 111, F2d 611-612)".*

"Ma ghandux ikun hemm ebda distinzjoni bejn il-kura li obbligat jippresta missier tajjeb tal-familja lejn uliedu minn l-istess kura li l-iskejjel ghandhom jipprovdu lill-istudenti li jkunu fil-kura taghhom. L-iskola qed tagixxi *in loco parentes* meta t-tfal qeghdin fil-kura taghha.

"Il-Qorti ghamlet ricerka ta' xi gurisdizzjonijiet esteri, u sabet li, ftit jew wisq, il-posizzjoni hi li l-awtoritajiet ta' skola ghandhom dover li jissalvagwardjaw kontra kull hsara li jistghu jgarbu t-tfal.

"Hekk, per ezempju, hija l-posizzjoni fl-Awstralja.

"Fil-kaz ta' <u>"Jackson vs L.C.C. and Chappell"</u> (1912), 28 T.L.R. 359, waqt li kuntrattur kien qieghed jaghmel xi xogholijiet ta' tiswija fi skola, f'kantuniera tal-*playground* ta' l-iskola kien thalla *truck* ta' ramel u gir u l-kap ta' l-

iskola kien jaf b'dan l-istess *truck*. Peress li haseb li seta' kien perikoluz ghas-subien fl-iskola, huwa cempel lill-kuntrattur biex ighidlu jnehhih. Madankollu meta tifel wegga' f'ghajnejh wara li ntlaqat minn ponn ramel u gir li kien gie garat lejh minn tifel iehor, kemm l-awtoritajiet ta' l-iskola kif ukoll il-kuntrattur kienu gew ikkundannati ghar-rizarciment tad-danni kagunati lit-tifel li kien wegga'.

"Fil-kaz ta' "Richards vs Victoria" (1969) l-attur kien student ta' sittax-il-sena li sofra feriti li kkagunawlu paralizi spastika – *spastic paralysis* – fi glieda fil-klassi ma' tifel iehor ta' l-iskola. Il-Qorti Suprema ta' Victoria fl-Awstralja kkundannat lill-awtoritajiet ta' l-iskola minhabba negligenza, peress li l-ghalliem kien naqas milli jiehu l-passi mehtiega biex iwaqqaf il-glieda. Il-Prim' Imhallef Winneke f'dak il-kaz ippronunzja ruhu hekk:-

*"“The reason underlying the imposition of the duty would appear to be the need of a child of immature age for protection against the conduct of others, or indeed of himself, which may cause him injury coupled with the fact that, during school hours the child is beyond the control and protection of his parent and is placed under the control of the schoolmaster who is in a position to exercise authority over him and afford him, in the exercise of reasonable care, protection from injury”.*

"Fl-Ingilterra ukoll, jinghad f'Charlesworth & Percy *"On Negligence"* (Sweet & Maxwell, 9th Edit.) f'pagna 594, li huwa dover tal-iskola *"to take such care of his pupils as a reasonable careful father would take of the children of the family"*.

"Fl-Italja hekk tidher li hi wkoll is-sitwazzjoni tant li l-*Corte di Cassazione* f'sentenza tal-22 ta' Ottubru, 1965 (kaz numru 2202) qalet hekk *a propositu*.

*"“La responsabilita` dei genitori e dei precettori per il fatto dannoso commesso dal minore e` fondata sulla colpa e precisamente sulla violazione di quel dovere di vigilanza che, prima ancore che nell'art. 2048 codice civile, trova la sua fonte in altre norme dello stesso codice: e cioe`, per i*

*genitori, nel dovere ad essi imposto dall’art. 147, di educare ed istruire la prole, che comprende, nel suo lato senso, anche l’obbligo della sorveglianza; e per i precettori nel medesimo obbligo ad essi trasferito e da essi contrattualmente assunto nel momento in cui gli allievi sono stati ad essi affidati.*

*"E`, questo dell’educazione e della sorveglianza, un obbligo stabilito prima ancora che nell’ interesse dei terzi estranei, nell’interesse dello stesso minore, che deve essere sorvegliato non solo perche` non cagioni danno a se stesso, ma anche` perche` non cagioni danni ad altri, incorrendo nella relativa responsabilita`”.*

"L-awtur David Brieley, konsulent mal-*Professional Association of Teachers* fl-Ingilterra, fil-ktieb tieghu *“Health and Safety in Schools (Chapman Publishing, 1991)* jghid, f’pagna 3, li *“Governors have a general responsibility for the conduct of the school, and this includes responsibility for seeing that there is an adequate system of supervision at all times when the pupils are on the school premises”.*

"F’decizjoni aktar ricenti, “Commonwealth vs Introvigne” (1982), il-*High Court* ta’ Awstralja kellha quddiema kaz ta’ tifel ta’ l-iskola ta’ hmistax-il sena li kien qieghed jiccajta fil-*grounds* ta' l-iskola qabel ma bdew il-lezzjonijiet ta’ l-iskola.

"Wiehed wara l-iehor, it-tfal bdew jiddendlu mal-habel tat-tlugh ta’ bandiera marbut ma’ l-arblu tal-bandiera u jitbandlu fl-arja. Waqt li tifel iehor kien qieghed hekk jitbandal, inqalghet minn postha t-*‘truck’ cioe*` l-galletta ossija rota solida li s-soltu tkun fil-quccata ta’ l-arblu ghall-issar tal-bandiera, li bit-tarjola maghha miksija bir-ram kienet tizen xi seba’ kilogrammi, u din waqghet fuq ras l-attur li spicca ferut serjament. Is-sorveljanza dakinhar kien fdata lil ghalliem wiehed ghaliex f’dak il-hin kien qeghda ssir laqgha tal-bqija ta’ l-istaff fl-iskola. L-awtoritajiet ta’ l-iskola gew ikkundannati jhallsu d-danni sofferti mill-attur. Fi kliem Judge Mason:-

*"“There should have been provision for proper supervision of the pupils in the school ground during the period preceding the commencement of instruction. In ordinary circumstances, supervision at that time was provided by members of the teaching staff ranging in number from five to twenty. This provides some measure of what was considered to be appropriate, it being notorious that school pupils in large numbers, if left to their own devices in a recreation area, will on occasions engage in activities involving some risk of personal injury.*

*"A school authority owes to its pupil a duty to ensure that reasonable care is taken to them whilst they are on the school premises during hours when the school is open for attendance.*

*"There are strong reasons for saying that it is appropriate that a school authority comes under a duty to ensure that reasonable care is taken of pupils attending the school. This was the view expressed by Kitto J. in Ramsay vs Larsen (1964) 111 CLR, at p 28. The immaturity and inexperience of the pupils and their propensity for mischief suggest that there should be a special responsibility on a school authority to care for their safety…”*

"Aktar u aktar dan il-principju ghandu japplika meta t-tfal kienu fil-klassi, u thallew wahedhom f’hin li suppost kellhom lezzjoni.

"Hawn Malta, kaz li jisbah il-meritu ta’ din il-kawza, hija l-kawza “Cassar vs Ministru tal-Intern et”, deciza min din il-Qorti fis-17 ta’ Marzu, 2004, fejn din il-Qorti sabet lill-awtoritajiet responsabbli ghad-danni li sofra tifel meta wegga' barra l-iskola qabel ma bdew il-lezzjonijiet. F’dik is-sentenza intqal hekk:

*"“Fit-tfassil tar-ragjonament tieghu l-perit legali josserva illi fl-ordinament guridiku taghna ma tezisti l-ebda disposizzjoni tal-ligi li tirregola ad hoc ir-responsabilita` ta’ l-Awtoritajiet, edukattivi u mhumiex, u wiehed ikollu jirrikorri ghan-normi generali in subjecta materja traccjati fil-ligi komuni, ossija fil-Kodici Civili;*

*"Dan huwa minnu billi fir-rigward il-ligijiet taghna sal-prezent ma aggornawx ruhhom ma' l-izvilupp legislattiv ta' gurisdizzjoni ohra. Pero`, kif drabi ohra gie ritenut, "ir-responsabilita` amministrattiva f'Malta, ghalkemm tifforma parti mid-dritt pubbliku, kienet ukoll regolata minn dawk il-provvedimenti fid-dritt privat u cioe` fid-dritt ordinarju li kienu applikabbli ghac-cittadin privat sakemm il-ligi ma kinitx specifikament tezenta lill-amministrazzjoni pubblika minn tali responsabilita`" – "Elmo Insurance Services Ltd nomine – vs – PC 537 Joseph Micallef u Kummissarju tal-Pulizija", Appell 5 ta' Ottubru, 2001;*

*"Issokta ghalhekk jigi osservat f'din l-istess sentenza bhala preambulari ghas-silta appena espressa illi l-Istat, fis-sistema taghna, jista' f'cirkostanzi kongruwi jkun ukoll responsabbli wahdu jew flimkien ma' l-impjegati tieghu ghad-danni. "Dan proprju bhala konsegwenza ta' mal amministrazzjoni provata jew inadegwatezza amministrattiva li tkun tammonta ghal traskuragni, negligenza jew inosservanza ta' dawk in-normi li l-amministrazzjoni xierqa ta' hwejjeg pubblici kienet tissuggerixxi u li n-nuqqas ta' tharis taghhom seta' jkun il-kawza ta' dannu lic-cittadin."*

"Hekk kif min ihaddem ghandu obbligu li jipprovdi *a safe system of work* ghall-impjegati tieghu, u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal-kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu (ara "Cini vs Wells" deciza min din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2001, u "Slack vs Elektra Ltd", decisa min din il-Qorti fl-20 ta' Frar, 2003), u hekk ukoll kif l-awtoritajiet li jkollhom taht ir-responsabilita` taghhom *playground* ghall-uzu tat-tfal, iridu jipprovdi *a safe system of play* u monitoragg adegwat (ara "Fenech vs Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug et", deciza min din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2004), hekk f'kaz ta' skola, dawk kollha li jezercitaw funzjoni edukattiva ghandhom fost l-*iprem dover* dak ta' vigilanza u tas-sorveljanza tat-tfal li t-tutela taghhom tkun giet fdata lilhom. F'dan il-kaz, l-awtoritajiet edukattivi naqsu b'mod lampanti minn dan l-obbligu.

"Gie osservat *a propositu* mill-*Corte di Cassazione* fl-Italja b'sentenza tas-7 ta' Novembru, 2000 (kaz numru 14448) illi:

*"“l'amministrazione scolastica e` direttamente responsabile, in virtu del rapporto del collegamento organico con essa del personale dipendente, del danno che sia cagionato al minore nel tempo in cui e` sottoposto alla vigilanza del detto personale. L'onere probatorio del danneggiato, in tale ipotesi, si esaurisce nella dimostrazione che il fatto si e` verificato nel tempo in cui il minore e` affidato alla scuola, essendo cioe` sufficiente a rendere operante la presunzione di colpa per inosservanza dell'obbligo di sorveglianza, mentre spetta all'amministrazione scolastica la prova liberatoria che e` stata ezercitata la sorveglianza sugli allievi con una diligenza idonea ad impedire il fatto”.*

"F'dan il-kaz, din il-prova *da parti* ta' l-amministrazzjoni ta' l-iskola ma saritx.

"Ghar-rigward tat-tifel innifsu, il-Qorti taqbel mal-perit legali li hu ma kkontribuwiex ghall-incident.

"Il-partecipazzjoni ta' Roland Bezzina f'dan l-incident ma jistax jissejjah tali li hu kkontribwixxa ghall-incident. Ma jirrizultax ezatt x'kien qed jaghmel mal-bieb, *cioe*` hux jipprova jifthu (kif haseb Clint Refalo) jew jipprovax jara min kien hemm fuq in-naha ta' barra (kif xehed hu stess). Li gara *pero*` jidher li Clint Refalo accidentalment laqtu meta mar b'salt fuq il-bieb u ma waqafx malajr bizzejjed. Ma jistax jinghad li Roland Bezzina b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident. Hu ma kien qed jaghmel xejn perikoluz u kienet l-azzjoni ta' Clint Refalo li minghajr ebda prevedibilita` *da parte* ta' Roland Bezzina kkaguna l-incident. L-operat ta' Clint Refalo mhux sindakabbli f'din il-kawza u ghalhekk il-Qorti mhux ser tidhol fil-mertu tal-kontribuzzjoni tieghu fl-incident. Jibqa' l-fatt li l-agir ta' Roland Bezzina mill-provi *a dispozizzjoni* ma kienx fl-ebda hin imprudenti jew azzardat u ghalhekk ma jistax jinghad li kkontribwixxa ghall-incident izda biss li safa l-vittma.

"Il-Qorti ma taqbilx mal-perit legali fejn qal li l-Ministru tal-Edukazzjoni ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Ir-responsabilita` ta’ sorveljanza hija derivanti minn kuntratt li inholoq malli l-istat fetah il-bibien ta' l-iskejjel tieghu ghat-tfal. L-obbligu hu mixhut, primarjament, fuq l-awtoritajiet Governattivi li jipprovdu sistemi, mezzi u finanzi biex dan id-dover jigi adegwatament onorat. Jidher li kien hemm nuqqasijiet *all along down the line*, u l-fatt li inkjesta interna ordnata mill-Ministru ma sabet htija f’hadd, juri li l-mentalita` minn fuq sa isfel ma kienetx wahda favur is-sahha u s-sigurta` tat-tfal li jattendu l-iskola. *Kwindi,* fil-fehma tal-Qorti r-responsabilita` tat-tlett konvenuti ghandha tinzamm u titqies solidali.

"Dwar id-danni reklamati, il-minuri kellu 13-il sena meta sehh l-incident. Il-perit legali adotta *multiplier* ta’ 30 li l-Qorti tqies li hu ekwu fic-cirkustanzi, mehud kont tac-cirkustanzi varji tal-futur. Il-perit legali adotta qliegh anwali ta’ Lm4000, li din il-Qorti, *pero*`, tqies li hi somma ftit baxxa. Is-salarji ghandhom propensita` li jizdiedu, u meta tqies li t-tifel kien imur tajjeb fl-iskola u imfahhar, ma jistax jigi eskluz li hu kien javvanza fil-karriera, anke fl-istess Forzi Armati jew fil-Korp tal-Pulizija, li maghhom it-tifel ittenta li jidhol. Biex anke taghmel tajjeb ghar-rata tal-inflazzjoni, li wkoll dejjem tizdied, il-Qorti thoss li ghandha timxi fuq qliegh *average* ta’ Lm5,000 fis-sena.

"Dwar id-dizabilita`, l-attur tilef ghajn wahda, u dan in-nuqqas zgur li sejjer itellef mill-prospetti sbieh li kellu t-tifel qabel l-incident. Il-perit mediku irrelata li *“the industrial visual efficiency of the individual is 75%”*, li jgib, allura, li t-telf globali ta’ l-attur hu ta’ 25%.

"Ghalhekk, il-kumpens dovut lill-attur ghandu jigi kkalkulat hekk: Lm5,000x30x25%=Lm37,500.

"Peress li l-kawza ilha sejra aktar min 10 snin, ma jidhirx li hu lok li jsir tnaqqis minhabba l-*lump sum payment* – ara l-applikazzjoni ta’ dan il-principju fil-kawza <u>“Turner vs</u>

Agius", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Novembru, 2003.

"B'riferenza ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, li c-citazzjoni hija nulla *stante* l-karenza ta' kawzali, l-Qorti tara li c-citazzjoni, min-naha l-ohra, hi cara u titlob li r-responsabilita` ghall-incident u l-konsegwenzjali danni jigu mitfugha fuq il-konvenuti. Il-gurisprudenza tesigi biss li mic-citazzjoni jirrizulta rapport, u n-nuqqas ta' kjarezza trid tkun ta' ghamla u kwalita` tali li ccahhad b'mod serju lill-konvenut mid-difiza tieghu (ara "Scicluna vs Xuereb", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju, 1967). F'dan il-kaz, dan il-pregjudizzju ma jirrizultax, u *kwindi* din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet ta' l-attur, tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli *in solidum* ghall-incident li sehh fit-18 ta' Frar 1994, li fih wegga' l-attur, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu *in solidum* bejniethom lill-attur is-somma ta' Lm37,500 (seba' u tletin elf u hames mitt Lira Maltin) *in linea* ta' danni, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti in solidum bejniethom."

**L-APPELL**

3. Il-konvenuti appellanti hassewhom aggravati b'din is-sentenza u ghalhekk appellaw minnha b'rikorsipprezentat fit-8 ta' Novembru, 2005. Fih, fl-ewwel lok, insistew illi l-ebda wiehed minnhom m'huwa l-legittimu kontradittur fil-kaz odjern u fit-tieni lok irrilevaw illi l-ewwel Qorti kienet skorretta fl-apprezzament ta' l-aspetti legali, meta qieset il-bazi ta' l-azzjoni bhala wahda naxxenti minn kuntratt biex b'hekk wasslet sabiex sabet lill-appellanti kollha responsabbli "*in solidum*" bejniethom versu l-attur appellat. Ghalhekk, wara li l-konvenuti appellanti spjegaw dawn l-aggravji, huma talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tghaddi

sabiex tilqa’ l-appell u tichad it-talbiet ta' l-attur appellat u tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

4. Fit-8 ta’ Novembru 2006, l-attur appellat irrisponda ghal dan l-appell u ghar-ragunijiet imfissra f’din ir-risposta, sostna illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

## II **KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

### **Il-fatti saljenti li wasslu ghall-kawza**

5. L-attur appellat, Rowland Bezzina, kien jattendi l-iskola sekondarja Guze` Galea ta’ Hal-Qormi. Fit-18 ta’ Frar 1994, meta huwa kellu tlettax-il sena, sehh incident li minhabba fih huwa sofra griehi gravi u permanenti. Li gara kien illi madwar hames minuti qabel ma daqqet il-qampiena sabiex l-istudenti johorgu ghall-*break*, l-ghalliem tat-technical drawing, Alex Vella, hareg mill-klassi ghaliex kellu jaghmel xi xoghol iehor relatat mal-*prize day* u halla l-*prefect* tal-klassi, li inzerta wkoll l-*captain* tal-iskola, sabiex jissorvelja lill-istudenti l-ohra tal-istess klassi, inkluz lill-attur appellat. L-istudenti ghalhekk baqghu wehedhom fil-klassi minghajr supervizjoni ta’ ghalliem. Meta daqqet il-qampiena tal-*break,* xi studenti hargu mill-klassi u bdew izommu il-bieb maghluq minn barra sabiex ma jhallux lill-istudenti l-ohra li kienu gewwa l-klassi johorgu. L-istudenti li kienu fil-klassi ppruvaw jifthu l-bieb u f’hin minnhom, certu Clint Refalo (li x-xhieda tieghu tinsab a fol. 90 u 41 tal-process) ha rankatura biex jipprova jiftah il-bieb. Dak il-hin, l-attur appellat kien vicin tal-bieb u Clint Refalo ma setax jieqaf. L-attur spicca mbuttat u msabbat mal-bieb u safa’ imwegga’ f’ghajnejh l-leminija wara li habat ghajnu ma’ hadida tal-lukkett tal-bieb li kienet mahruga 'l barra. Bhala konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attur appellat Rowland Bezzina tilef id-dawl ta’ ghajnejh il-leminija b’mod permanenti; dan kif gie kkonfermat kemm mis-superintendent tal-isptar San Luqa, Dr. Maria Sciberras (ara fol. 136-137 tal-process), li ddeskriviet l-griehi tal-attur bhala “*blunt injury with metal rod to right eye*” u kif ukoll mill-perit mediku Dr. Mario Tabone nominat mill-

ewwel Qorti, li kkonkluda illi "*right eye loss of vision is 100% and industrial visual efficiency is 75%".* Apparti minn hekk wara ftit taz-zmien, irrizulta wkoll li l-attur kellu xi problemi f'ghajnejh ix-xellugija, f'liema ghajn huwa gie operat b'success fid-9 ta' Settembru 1998 biex b'hekk giet iccentrata l-habba ta' l-ghajn ix-xellugija. Din kienet operazzjoni kosmetika u ovvjament huwa baqa' ma jarax mill-ghajn il-leminja. Wara li spicca l-iskola, l-attur appellat beda jiltaqa' ma' problemi sabiex jsib ix-xoghol li xtaq jaghmel hu. Infatti, l-applikazzjonijiet tieghu biex jingagga ruhu bhala suldat u pulizija gew rifjutati minhabba d-dizabilita` tieghu (ara xhieda tal-Maggur Alfred Attard u ta' l-ispettur Kenneth Haber a fol. 150 tal-process).

**L-aggravji tal-konvenuti appellanti**

6. L-appellanti jsemmu zewg aggravji li fuqhom jibbazaw is-sottomissjoniji taghhom li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata. Il-konvenuti appellanti fl-ewwel lok isostnu illi hadd minnhom m'huwa l-legittimu kontradittur fil-kaz odjern. L-appellanti jsostnu illi l-appellant Ministru ta' l-Edukazzjoni ghandu biss responsabilita` amministrattiva u mhux responsabilita` li tohrog minn *tort* jew kwazi *tort* u jirreferu ghall-Kapitolu 327 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellanti jsostnu illi:

"*l-persuna legittima biex jirrapprezenta lill-Gvern fi kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika giet identifikata bhala il-Kap tad-Dipartiment u mhux il-prim Ministru jew il-Ministru rispettivament*."

Fir-rigward tad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni l-appellanti jsostnu illi lanqas dan m'huwa l-legittimu kontradittur 'l ghaliex huwa ma jistax jinzamm responsabbli ghal hatra ta' ghalliem hlief f'kaz li jigi ppruvat li kien hemm "*culpa in eligendo*". L-appellanti jargumentaw illi l-istess ghandu japplika fir-rigward tal-kap tal-iskola stante illi gialadarba huwa jkun assenja ghalliem ghal dik il-klassi huwa ma jistax jinzamm responsabbli ghal incident li jkun sehh 'l boghod minnu.

7. Illi dina l-Qorti tosserva illi fl-ordinament guridiku taghna ma tezisti l-ebda disposizzjoni tal-ligi li tirregola *ad hoc* r-responsabilita` ta' l-awtoritajiet edukattivi u ghalhekk wiehed ghandu jirrekorri ghan-normi generali in materja provduti fil-Kodici Civili. Pero`, fil-kawza fl-ismijiet "**Elmo Insurance Services Ltd. noe. vs PC 537 Joseph Micallef u Kummissarju tal-Pulizija**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, gie ritenut illi fis-sistema taghna, l-Istat jista', fil-kazijiet kongruwi, jkun ukoll responsabbli, wahdu jew flimkien mal-impjegati tieghu, ghad-danni f'kaz li tigi pprovata l-mal amministrazzjoni li tkun tammonta ghal nuqqas ta' prudenza, traskuragni, negligenza jew inosservanza ta' normi:
"ir-responsabilita` amministrattiva f'Malta, ghalkemm tifforma parti mid-dritt pubbliku, kienet ukoll regolata minn dawk il-provedimenti fid-dritt privat u cjoe` fid-dritt ordinarju li kienu applikabbli ghac-cittadin privat sakemm il-ligi ma kienetx specifikatament tezenta lill-amministrazzjoni pubblika minn tali responsabilita` "

8. In oltre, l-appellanti jilmentaw ukoll dwar il-fatt illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-ligi meta qieset il-bazi ta' l-azzjoni bhala wahda naxxenti minn kuntratt u sabet lill-appellanti kollha responsabbli *in solidum* bejniethom ghall-incident in kwistjoni. L-appellanti jilmentaw dwar il-fatt illi l-ewwel Qorti qablet mas-sottomissjonijiet ta' l-attur appellat, illi l-bazi ta' l-azzjoni ta' l-atturi ma kienetx dik ta' htija akwiljana izda htija li kienet naxxenti minn inadempjenza kuntrattwali. Jilmentaw ukoll mill-fatt li s-sentenza appellata identifikat lill-appellanti bhala l-awtoritajiet li huma marbutin bir-responsabilita` kontrattwali u injorat ghal kollox ir-responsabilita` ta' l-ghalliem li kellu jiehu hsieb il-klassi fil-mument ta' l-incident. L-appellanti jsostnu illi ma kien jezisti l-ebda kuntratt bejn l-awtoritajiet u l-attur appellat. F'dan ir-rigward, l-ewwel Qorti kkunsidrat illi:
"Din il-Qorti taqbel u taccetta li f'kaz ta' skola hemm obbligu kontrattwali fuq l-awtoritajiet li jiehdu hsieb it-tfal fdati taht il-kura taghhom *in loco parentis.* Ma ghandux ikun hemm dubbju illi l-awtoritajiet edukattivi ghandhom responsabilita` ta' kura lejn l-istudenti, responsabilita` li tohrog bl-istess mod kif tirrizulta r-responsabilita` tal-

genituri lejn uliehdom dment li dawn l-istudenti qeghdin taht ir-responsabilita` diretta ta' l-awtoritajiet edukattivi."

9. Illi mill-atti ma jirrizultax illi hemm xi kontestazzjoni dwar kif gara l-incident. Irrizulta illi t-tfal thallew wehedhom fil-klassi ghal cirka hames minuti qabel il-*break* minghajr supervizjoni ta' ghalliem, izda taht sorveljanza ta' *prefect* tal-klassi li kien ukoll *captain* ta' l-iskola. Irrizulta wkoll li fin-nuqqas ta' supervizjoni adegwata, it-tfal thallew "jilghabu" bil-goff u b'hekk sehh l-incident in kwistjoni. Il-konsegwenza ahharija kienet li l-attur appellat sofra feriti permanenti u tilef id-dawl ta' ghajnu l-leminija. Il-konvenuti appellanti insistew illi hadd minnhom m'ghandu jkun tenut responsabbli ghal dak li gara. Sahansitra, fid-dikjarazzjoni taghhom, f'paragrafu numru 4 jsostnu illi:
"L-incident in kwistjoni ma' gara bl-ebda mod minhabba nuqqas ta' harsien ta' l-istudenti. Fil-fatt, din il-klassi normalment kwieta u thalliet fil-kustodja tal-Captain ta' l-iskola, haga li hija normalissima li ssir. Il-kaz kollu gara bi sfortuna."

10. Certament, il-konvenuti appellanti ma jistghux jippretendu illi huma jigu ezonerati minn kwalunkwe responsabilita` fuq il-premessa illi fl-assenza ta' l-ghalliem, il-klassi thalliet fil-kustodja ta' tifel ossija kaptan ta' l-iskola. F'dan ir-rigward din il-Qorti thoss illi l-appellanti qeghdin jikkontradixxu lilhom infushom, meta f'mument minnhom, jilmentaw illi l-ewwel Qorti warrbet ghal kollox ir-responsabilita` ta' l-ghalliem li skond huma kien l-aktar persuna qrib ghall-incident (fit-tieni paragrafu tal-hames pagna tar-rikors odjern a fol. 217) u f'mument iehor (fis-sitt pagna tar-rikors odjern a fol. 218) jilmentaw li l-ewwel Qorti skartat il-konkluzjonijiet tal-Bord ta' l-Inkjesta dipartimentali fejn gie deciz illi l-ghalliem kien wettaq id-doveri tieghu meta halla "*captain*" ghassa mal-klassi. In fatti, hareg mix-xhieda moghtija minn **Dr. Cecilia Borg** a fol. 152 tal-process, illi skond l-imsemmija inkjesta "*it-teacher ma' kienx negligenti fix-xoghol tieghu."*

11. Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti appellanti illi l-ghalliem u l-awtoritajiet ta' l-iskola adempew l-obbligu ta' *reasonable care* semplicement

ghaliex l-ghalliem inkariga "*captain"* fil-klassi sabiex jissorvelja lit-tfal fl-assenza tieghu. *Captain* tal-iskola ossija tifel certament m'ghandux il-maturita`, l-esperjenza w it-tahrig illi jippreparawh biex ikun jista' jassumi d-dover li jipprevjeni incident bhal dak li gara u jzomm numru ta' tfal shabu taht sorveljanza, kontroll u dixxiplina, hekk kif kieku kien jaghmel ghalliem fic-cirkostanzi, sabiex jevita l-akkadut. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-incident sehh ftit minuti biss qabel il-hin tal-*break*, meta hu maghruf li t-tfal jkunu fuq ix-xwiek sabiex johorgu jistriehu u jilghabu. Il-fatt illi kemm l-ghalliem li kien inkarigat mill-klassi fil-hin ta' l-akkadut, u kif ukoll is-surmast ta' l-iskola Anthony Fenech (a fol. 142), xehdu illi l-klassi li fiha kien l-attur kienet l-ahjar klassi tas-sena taghhom ma jfissirx illi dawn it-tfal jekk jithallew bla ghalliem ma' kienux sejrin jilghabu bil-goff u jikkawzaw xi incident pontenzjalment serju.

12 Dan l-incident sfortunat kien jigi evitat li kieku s-surmast ta' l-iskola haseb li jinkariga ghalliem iehor sabiex jissostitwixxi lill-ghalliem Alex Vella ghal dawk il-ftit minuti ta' qabel il-*break,* gialadarba l-istess ghalliem kien intbaghat biex jaqdi dmiru x'imkien iehor fl-iskola, u s-surmast tal-iskola kien ben konxju ta' dan. Mix-xhieda ta' **Clint Refalo** li tinsab a fol. 141 jirrizulta illi:
"din ma kienetx l-ewwel okkazzjoni fejn spiccajna wahedna fil-klassi… l-iskola zghira. Storbju kien hemm fil-klassi meta sibna ruhna bla teacher. L-istaff room qeghda fuq pero` l-istorbju jinstema."

Illi bl-istess mod xehed **Michael Kingswell** (a fol. 140), li ukoll kien prezenti waqt l-hin tal-incident, meta qal illi :
"Niftakar li peress li konna nkunu wahedna konna noqghodu nilghabu kultant anki bil-goff bejnietna u minn hin ghall-iehor noqghodu attenti li ma jidholx xi teacher… gieli kien ikollna *free lesson* u ma jigi hadd jiehu hsiebna jew inkella jigu tard."

L-istess xhud Michael Kingswell irrefera ghall-fatt illi dak iz-zmien *first aid kit* ma kellhomx u dan ikkonfermah ukoll is-surmast ta' l-iskola **Anthony Fenech** meta a fol. 143 xehed illi:

“First Aid kit ghandna pero` dan kien ghal *injuries* zghar biss. Illum hemm teacher in charge ghal meta jinqala’ incident. Dan ma kienx rizultat ta' l-incident izda ta’ agreement mal-MUT.”

13. Illi dwar l-aspett ta’ *health and safety* fl-iskola in kwistjoni ssir referenza ghax-xhieda moghtija minn Dr. Cecilia Borg, li kienet wahda mill-persuni mahtura mill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex thejji rapport in konnessjoni ma' l-incident meritu tal-kawza. Ix-xhud a fol. 153 tghid illi fiz-zmien tal-incident in kwistjoni ma kienux jezistu l-kuncetti edukattivi moderni ta’ llum:
“qed nitkellmu fuq ghaxar snin ilu u illum il-mentalita` hi differenti..Illum per ezempju jezisti l-kuncett ta’ safety teachers f’kull skola tal-Gvern.”

Dina l-Qorti tosserva illi ghalkemm huwa minnu illi fiz-zmien ta' l-incident ma kienux jezistu *safety teachers* pero` certament minn dejjem kien maghruf illi wiehed ikun qieghed jistieden l-ghawg jekk tfal ta' dik l-eta` ta' l-attur jithallew fil-klassi wahedhom, minghajr supervizjoni ta’ ghalliem, specjalment fil-hin kritiku ta’ qabel il-*break*.

14. Il-Qorti f’dan l-istadju tirreferi ghar-rapport tal-perit legali Dr. Mark Chetcuti (a fol. 188) fejn saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet “**Pasquale Zerafa vs Carmelo Gauci**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Dicembru 1955, u fejn intqal illi:
“il-persuni ddikjarati responsabbli mill-ligi huma tenuti hekk, mhux minhabba l-htija ta’ min ikkommetta l-fatti imma minhabba l-htija taghhom propja, billi ma mpedewx il-fatt u jirrispondu appuntu ghaliex ttraskuraw id-doveri taghhom.”

Fil-kawza fl-ismijiet “**Neil Cassar et. vs Ministru tal-Intern et**.” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Marzu 2004, li diga` sar accen ghaliha, u li tirreferi ghall-materja in kwistjoni fejn tifel kien sofra wkoll dizabilita` permanenti fl-iskola li fiha kien jattendi, inghad illi:
*“*Fil-fehma tal-Qorti l-prova liberatorja ma tezawriex ruhha bis-semplici allegazzjoni li l-fatt ma setax jigi impedut izda testendi ruhha wkoll ghad-dimostrazzjoni li ttiehdu jew

gew adottati l-mizuri kollha preventivi u idonei biex jigi evitat is-sinistru u l-event dannuz…”

15. Mill-provi migjuba johrog bla ombra ta’ dubju illi l-appellanti ma hadux il-mizuri necessarji sabiex jipprevjenu l-incident, anzi ghall-kuntrarju gie ppruvat ampjament illi s-surmast ta' l-iskola kien jaf illi l-ghalliem Alex Vella kien sejjer jitlaq mill-klassi u jhalliha wahedha sabiex imur jaqdi doveri ohra relatati max-xoghol tieghu. Irrizulta li bl-ebda mod ma sar xi arrangement adegwat sabiex ikun hemm persuna ohra verament responsabbli biex tissostitwieh fl-assenza tieghu, sija pure ghal ftit minuti. Fil-hin ta' l-incident il-klassi shiha ta' l-attur spiccat "sorveljata" minn student li gie maghzul ghal dan ir-rwol mill-amministrazzjoni ta' l-iskola (ghal mod kif jintghazlu l-"prefects" ara fol. 185). Jirrizulta li dan l-istudent, nonostante l-kapacitajiet ta' *leadership* li jsemmi Alex Vella a fol. 85, ma kienx kapaci jikkontrolla lil shabu. L-incident, li fih l-attur tilef id-dawl ta' ghajn wahda, sehh proprju ghaliex l-istudenti thallew wahedhom, fl-aktar hin kritiku tal-gurnata skolastika, u cioe` meta huma, xi ftit jew wisq, ikunu xebghu bilqieghda u jkollhom seba' mitt sena biex johorgu mill-klassi biex jilghabu fil-"*break*" ta' nofsinhar. Billi thallew wahedhom, l-ewwel loghba goffa setghu iwettquha gol-klassi stess, ezattament hdejn il-bieb tal-klassi fejn l-attur spicca vittma ta' din il-loghba goffa, prattikata minn shabu stess. Irrizulta li l-ghalliem, Alex Vella, gie ezonerat mill-inkjesta dipartimentali ghax ma rrizultax li hu kien negligenti fix-xoghol tieghu (ara xhieda ta' Dr Cecilia Borg a fol. 152). Jirrizulta wkoll mix-xhieda tas-Surmast, Anthony Fenech (ara fol. 142), li kienet il-prassi ta' l-iskola li ghalliem kien jista' jitlaq mill-klassi qabel il-hin diment li jhalli l-"*prefect*" tal-klassi "*in charge*", basta t-tfal ikollhom aktar minn ghaxar snin u ma jkun hemm xejn perikoluz fil-klassi li bih huma setghu jweggghu. L-ghalliem, Alex Vella, xehed li wara l-incident hu tella' xi tlettax-il produzzjoni ta' drama, pero` wara l-incident qaghad aktar attent, fis-sens li meta kien ikollu bzonn johrog mill-klassi qabel tispicca l-lezzjoni, kien jara li jigi sostitwit b'ghalliem iehor.

16. Din il-Qorti ghalhekk taqbel ma' dak li rriteniet l-ewwel Qorti (a fol. 209) illi:
"dawk kollha li jezercitaw funzjoni edukattiva ghandhom fost l-iprem dover dak ta' vigilanza u tas-sorveljanza tat-tfal li t-tutela taghhom tkun giet fdata lilhom. F'dan il-kaz, l-awtoritajiet edukattivi naqsu b'mod lampanti minn dan l-obbligu."

17. Illi dina l-Qorti taqbel ukoll ma' dak li gie osservat mill-ewwel Qorti illi l-attur ma kkontribwixxiex ghall-akkadut izda kien biss il-vittma. Mill-provi prodotti ma jirrizulta bl-ebda mod illi l-attur appellat kien b'xi mod imprudenti fil-hin ta' l-incident.

18. Kwantu ghall-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, din il-Qorti tinnota li l-appellanti ma ressqu l-ebda aggravju dwar dana l-aspett tal-kawza.

19. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm il-htiega li tkompli telabora fuq il-provi migjuba miz-zewg partijiet f'din il-kawza, ghaliex din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni li wasslet ghalihom l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

20. Ghal dawn il-motivi, tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto* u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------